MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2004

Numru 158/2004

Il-Pulizija
(Sp Silvio Valletta)
vs
Jesmond Portelli, iben
Nazzareno, imwieled
Pieta' fil-5 ta' marzu, 1985
u
John Ronayne, iben Edward,
imwieled Pieta' fit-30 ta'
novembru, 1986

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati –
1. talli fit-23 ta' frar, 2004 ġewwa Ħal-Kirkop, f'xi ħin fil-għaxija, ikkomettew serq ta' vettura tal-marka VW Polo, bin-numru tar-reġistrazzjoni POL 026, liema serq hu

kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin, bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-valur li jeċċedi
l-elf lira maltin għad-dannu ta' Georgina Farrugia;
2. talli fit-23 ta' frar, 2004 fi Triq Qui-si-sana, Sliema għal ħabta tat-8.00 p.m. ikkomettew serq ta' handbag b'diversi oġġetti fih, liema serq hu kkwalifikat
bil-ħin u li sar għad-dannu ta' Marion McField, anzjana ta' 70 sena.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' marzu, 2004 fejn il-partijiet qablu li mhemm ebda prova dwar l-ewwel akkuża.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' marzu, 2004 fejn l-imputati ammettew it-tieni akkuża miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputati ħatja tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tagħhom u għalhekk tilliberhom mill-istess akkuża. Issibhom ħatja tat-tieni akkuża miġjuba kontra tagħhom. Rat l-artikoli 261(f), 270 u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannhomx għal piena karċerarja iżda tilliberhom taħt il-provvedimenti
tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum u għal finijiet tal-istess artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tagħmel Ordni ta' Probation kontra l-imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------